# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA PIJU IV**

Giovanni Luigi Angelo twieled gewwa Milan fis-sena 1499 minn nutar Bernardo de Medici u Cecilja Serbelloni. Il-familja tieghu ma kelliex fama izda huh Gian Giacomo taha isem meta ibbrilla fil-karriera militari tieghu u zzewweg lil Marizia Orsini li kienet il-kunjata ta' Pier Luigi Farnese, relatat mal-Papa Pawlu III.





Wara li spicca l-istudju tieghu huwa ghadda ghall-karriera ekklesjastika u gawda hafna mill-protezzjoni tal-kardinal Farnese. Huwa gie mahtur kardinal fis-sena 1549. F'konklavi mqanqal huwa kien elett papa lejliet il-Milied tas-sena 1559 wara kwazi erba' xhur ta' nuqqas ta' ftehim. Ried li jkun jismu Piju IV biex juri li kien ser ikun papa ta' hlewwa fit-tmexxija tieghu.

Ghall-kuntrarju ta' qablu huwa wera spirtu ta' konciljazzjoni u kien diplomatiku hafna fl-imgieba tieghu. Dak li kisser b'imgiebtu ta' qablu beda jibnih ftit ftit hu u jigbed lejh hafna simpatija, tant li minn ghedewwa l-mexxejja saru hbieb. Anqas ma ried jaghti l-iskomunika lil Elizabetta I ta' l-Ingilterra. Anke l-Inkwizizzjoni, ikkontrollalha l-proceduri taghha u llimiltalha l-gurisdizzjoni taghha.

Piju IV fetah process li ghamel hoss, kontra n-neputijiet ta' Pawlu IV, b'mod specjali kontra Karlu, li ghalkemm eziljati minn Ruma, kellhom il-wicc li jergghu jirritornaw. Fil-ghodwa tas-7 ta' Gunju 1560 gew arrestati. Kienu akkuzati li heggew lil zijuhom biex jiftah gwerra kontra l-ispanjoli u anke li kienu suspettati li kienu eretici ghaliex ghamlu alleanzi ma' princpijiet tedeski protestanti u mas-sultan tork. Neputi iehor Alfonso kien akkuzat li seraq xi flus lil zijuh moribond. Iehor

kellu akkuza fuq rasu li qatel lil martu minhabba adulterju. Dawn kollha gew moghtija s-sentenza tal-mewt. Lil Karlu Carafa nehhewh billi ghallquh u lit-tlieta l-ohra qatghulhom rashom. Filwaqt li ta kolp tal-mewt lill-marda tan-nepotizmu, Piju IV illimita ruhu biex jipprattika nepotizmu iehor zghir billi hatar kardinali u ta ufficcji ohra lin-niesu. Il-Papa ta  awtorita' biex Tereza d'Avila flimkien ma' Giovanni della Croce tirriforma il-monasteri karmelitani, kemm dawk ta' l-irgiel kif ukoll dawk tan-nisa.

Fuq parir tan-neputi tieghu Carlo il-Papa rega' fetah sezzjoni ohra tal-Koncilju ta' Trentu. Ma' naqsux il-problemi izda fis-sena 1562 rega' bdew is-sezzjonijiet ta' dan il-Koncilju. Wahda mix-xoghlijiet ta' dan il-koncilju kien li jgib fi tmiemu d-duttrina tas-sagramenti. Hargu degrieti fuq d-duttrina tat-tqarbin biz-zewg speci, it-tqarbin lit-tfal, is-sagramenti ta' l-Ordni Sagri u z-Zwieg u s-sagrificcju tal-quddiesa. Ma' proposti ohra interessanti biex jigu diskussi wiehed seta' jsib ohrajn li kienu inaccettabli ghall-Kurja bhal nghidu ahna l-koncessjoni tal-kalci lill-lajci u z-zwieg lis-sacerdoti. Dawn kienu sostnuti mid-Duka Alberto IV tal-Bavarja u minn Franza wkoll. Fl-ahhar id-decizzjoni dwar il-kalci giet

mqieghda ghall-gudizzju tal-Papa. Fir-realta' Piju IV fis-sena 1564 ikkonceda lil numru mdaqqas ta' djocesijiet germanizi, taht certi kundizzjonijiet, it-tqarbin biz-zewg speci; it-talba biex ikun imnehhi c-celebat lis-sacerdoti kienet respinta. Fuq iz-zwieg il-koncilju ddikjara li biex ikun validu dan is-sagrament kellu jkun celebrat quddiem is-sacerdot u zewg jew tlett xhud. Zwigijiet sigrieti ma kienux validi u anqas ammissibbli. Kienu trattati wkoll it-taghlim fuq il-purgatorju, il-qima lejn il-qaddisin u r-relikwiji taghhom, l-immagini sagri u l-indulgenzi. Kien projbit id-dwell taht piena ta' skomunika.

Ghalkemm il-kristjanita' occidentali kienet maqsuma, id-duttrina  kattolika giet kjarifikata. Piju IV heles mirakolozament minn kongjura li l-ghan taghha kien li joqtluh u tant baqa' impressjonat li marad u qatt ma seta' jerga' jiehu sahhtu lura. Jassistuh waqt l-agunija tieghu kienu prezenti hdejh Carlo Borromeo u Filippu Neri, zewg qaddisin fi hdan il-knisja.  Miet fil-lejl tad-9 ta' Dicembru 1565.